



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL, 29/10/2010

BAĠIT ĠENERALI - 2010
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 13, 22

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 61/2010**

EUR

MINN

KAPITOLU – 2202 Proċess u strateġija tat-tkabbir

PARTITA - 22 02 04 01 Kooperazzjoni transkonfinali (CBC) bejn pajjiżi tal-IPA u parteċipazzjoni fil-programmi tranżnazzjonali / interreġjonali tal-FEŻR u l-programmi tal-baċiri tal-baħar tal-ENPI

Impenji - 4 921 679

LIL

KAPITOLU – 1305 Interventi ta' qabel l-adeżjoni marbuta mal-politika strutturali

PARTITA - 13 05 03 02 Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC) - Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

Impenji 4 921 679

I. ŻIEDA

a) Intestatura

13 05 03 02 - Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC) - Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

b) Ċifri fit-18/10/2010

	Impenji
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	35 308 079
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	35 308 079
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	35 308 079
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	0
6. Ftigijiet sa tmiem is-sena	4 921 679
7. Żieda proposta	4 921 679
8. Żieda bħala perċentwali tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	13.94%
9. Żieda, bħala perċentwali tal-approprjazzjoni finali tas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulata skont l-Artikolu 17a tar-regoli implimentattivi	Mhux applikabbli

c) Irċevuti ġejjin minn irkupru (riporti) (C5)

	Impenji
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fit-18/10/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni $[(1-2)/1]$	Mhux applikabbli

d) Raġunijiet fid-dettall għaż-żieda

Apparti mill-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali bilaterali (CBC), il-komponent II CBC tal-IPA (Strument ta' qabel l-Adeżjoni) jista' jappoġġja wkoll il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fi programmi ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali taħt l-għan ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) (ara l-Artikolu 9.1 Regolament tal-IPA Nru 1085/2006 u l-Artikolu 86.4 tar-Regolament Implimentattiv tal-IPA Nru 718/2007). Skont l-Artikolu 86.4 tar-Regolament 718/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 80/2010, ir-regoli li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li jibbenefikaw mill-IPA għandhom jiġu stabbiliti fil-Programmi Operazzjonali (OP) tal-programm tranżnazzjonali rilevanti tal-Fondi Strutturali u/jew fil-ftehim ta' finanzjament rilevanti, kif ikun xieraq.

Mill-2007, il-komponent CBC tal-IPA iffinanzja l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent fil-programmi tranżnazzjonali tal-FEŻR 'Xlokk tal-Ewropa' u 'Mediterran'. Il-fondi tal-IPA (total ta' EUR 4 miljun fis-sena) inqasmu skont l-ammont allokati għal kull pajjiż u, taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ ELARG, ġew impenjati permezz ta' deċiżjoni ta' finanzjament (waħda għal kull pajjiż benefiċjarju) u kkuntrattati mid-Delegazzjoni rilevanti tal-UE (fil-każ tal-Kroazja mill-awtoritajiet nazzjonali). Dan l-approċċ wera li kien wieħed ineffiċjenti (eż. ammont kbir ta' fondi mhux użati minħabba l-qsim tal-fondi skont l-ammont għal kull pajjiż kull sena; żminijiet u modalitajiet differenti ta' implimentazzjoni meta mqabbel mal-fondi tal-FEŻR) u estremament ineffiċjenti għall-atturi kollha involuti (il-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-istrutturi ta' ġestjoni tal-programmi tranżnazzjonali tal-FEŻR, il-benefiċjarji aħħarja tal-għotjiet).

Wara diskussjonijiet bir-reqqa bejn id-DĠ ELARG u d-DĠ REGIO, ittiegħdet id-deċiżjoni li l-appoġġ mill-IPA għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi benefiċjarji fil-programmi tranżnazzjonali tal-FEŻR imsemmija hawn fuq jiġi ssimplifikat billi jiġi kkupjat l-approċċ ta' suċċess li diġà ntuża għal programmi trankonfinali tal-IPA bejn il-pajjiżi benefiċjarji u l-Istati Membri.

It-titjib maqbul huwa kif ġej:

- Fil-Baġit tal-2010, il-fondi taħt il-komponent II tal-IPA li ġew allokat i għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent fi programmi tranżnazzjonali tal-FEŻR inġabru flimkien fil-partita baġitarja 22 02 04 01 (il-fondi mhumiex ser jibqgħu jinqasmu skont il-pajjiż);
- Dawn il-fondi tal-IPA tal-2010 (EUR 4,9 miljuni) għandhom jiġu ttrasferiti mit-Titolu 22 'Tkabbir' (partita baġitarja 22 02 04 01) lejn it-Titolu 13 'Politika Reġjonali' (partita baġitarja 13 05 03 02). L-istess trasferiment ser isir ukoll fis-snin ta' wara.
- Il-programmi operazzjonali 'Xlokk tal-Ewropa' u 'Mediterran' ser jiġu emendati biex jinkludu tabella finanzjarja li tkopri l-fondi tal-IPA għall-perjodu bejn l-2010 u l-2013 (bl-inklużjoni ta' klawnsola speċifika: bil-kundizzjoni tal-adozzjoni tal-baġit mill-Awtorità Baġitarja).
- Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-PO ser tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fit-tifsira tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju.
- Il-fondi tal-IPA ser jiġu ġestiti permezz ta' ġestjoni maqsuma mill-Awtoritajiet ta' ġestjoni taż-żewġ programmi (l-Ungerija għall-programm 'Xlokk tal-Ewropa' u Franza għall-programm 'Mediterran') taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ REGIO.

Dan l-approċċ ġie diskuss fid-dettall mal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni taż-żewġ programmi tranżnazzjonali tal-Fondi Strutturali. Kif previst fl-artikolu 86.4 tar-Regolament Implimentattiv tal-IPA Nru 718/2007, ir-regoli ddettaljati li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-IPA f'dawn il-programmi ser jiġu inklużi fil-Programmi Operazzjonali emendati u fil-Ftehimiet ta' Finanzjament konklużi bejn il-Kummissjoni (DĠ REGIO) u l-pajjiżi benefiċjarji.

II. TNAQQIS

a) Intestatura

22 02 04 01 – Kooperazzjoni transkonfinali (CBC) bejn pajjiżi tal-IPA u parteċipazzjoni fil-programmi tranżnazzjonali / interreġjonali tal-FEŻR u l-programmi tal-baċiri tal-baħar tal-ENPI

b) Ċifri fit-18/10/2010

	Impenji
1A. Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + BE)	25 057 113
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	-5 475 434
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	19 581 679
4. Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali	13 000 000
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	6 581 679
6. Ftigijiet sa tmiem is-sena	1 660 000
7. Tnaqqis propost	4 921 679
8. Tnaqqis bħala perċentwali tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	19.64%
9. Tnaqqis, bħala perċentwali tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 17a tar-regoli implimentattivi	Mhux applikabbli

c) Irċevuti ġejjin minn irkupru (riporti) (C5)

	Impenji
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fit-18/10/2010	0
3. Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1]	Mhux applikabbli

d) Raġunijiet fid-dettall għat-trasferiment

Ara l-ġustifikazzjoni 'Żieda'